Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-4 ta' Dicembru 2023**

**Il-Pulizija**

**Versus**

**Jennifer Grech (448492M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Jennifer Grech**, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 448492M.

Akkuzata talli fid-9 ta' Mejju 2022 fil-hin ta' bejn il-8.45am u 9.15am gewwa Triq Aldo Moro, Marsa :

1. Hebbet ghal Isabelle Kohout sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmillha hsara b'xi mod u dan bi ksur tal-Art. 339(1)(d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlet lil Isabelle Kohout ingurji jew theddid mhux imsemmijin f'banda'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kienet ipprovokata ingurjat b'mod li tohrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Art. 339(1)(e) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) heddiet li ser taghmel xi reat; (b) bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil haddiehor u cioe' lil Isabelle Konhout biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontriha, jew immalafamat lil dik il- persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamlet uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Art. 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi wzat xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew itraskurat milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-'network' jew apparat ta'

komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzatu b'mod mhux kif imiss, u dan bi ksur tal-Art. 48(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offiza jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Art. 412 tal-Kap. 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familjari taghha ai termini tal-Art. 383, 384, 385, 412C, u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet Isabelle Kohout fejn qalet illi fid-9 ta' Mejju 2022 fit-8.30am kienet hdejn il-bus stop fi Triq Aldo Moro, l-Marsa, kienet ma' kollegi ohra li kienu ftit il-boghod minnha u hi kellha tabella f'idejha li kienet favur l-abort. Kien hemm mara f'karozza li waqfet hdejha, tant li zammet il-karozzi li kienu warajha, u harget mill-karozza u kif ratha gejja lejha gharfitha bhala l-istess mara li kienet attakatha verbalment xi xahar qabel f'post iehor. Dehret irrabjata u harget mill-karozza tghajjat *inti ergajt, ghidtlek biex ma' tigix l'hawn, x'inti taghmel hawn illegali, ieqaf, l-abort huwa qtil, inti qattiela u kriminali*, flimkien ma' xi kliem ohra bil-malti, li ma' tiftakarx il-kliem ezatt. Hi webgitha li ma' kellhiex bzonn permezz biex taghmel protest pacifiku u li l-imputata ghandha ssuq ghax kienet qieghda zzomm it-traffiku. Wara minuta, l-imputata bdiet mixja lura lejn il-karozza u regghet daret u griet ghal fuqha, u mbuttatha minn sidirha b'idejha t-tnejn u bis-sahha. Ix-xhud kellha kartellun f'idha u b'hekk setghet tuza' id wahda biss u zammitha b'din l-id u qaltilha biex tieqaf u titlaq. L-imputata dahlet fil-karozza u bdiet iccempel u dak il-hin ix-xhud irnexielha tiehu ritratt tan-numru tal-licenzja tal-karozza. Hi gharfet l-imputata fl-awla u pprezentat Dok IK1 li huwa post li ghamlet l-imputata bir-ritratt taghha fejn ikkumentat fuq il-pagna tal-facebook, u gharfitha bhala l-persuna li kienet ghajritha xi xahar qabel. Kien hemm numru ta' kummenti aggressivi u ta' mibgheda fil-kummenti tat-Times of Malta. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonfermat illi l-kummenti ta' Jennifer kienu taht facebook page ta' Doctors For Choice Malta, fejn qaltilha li jekk terga'

taraha terga' twaqqafha. Ix-xhud ikkonfermat illi il-kummenti kienu minhabba li l-imputata ma' qablitx mal-kummenti fil-kartellun, li kienu li l-abort kien dritt tal-mara, imma l-kummenti kienu lejha u mhux lejn il-kartellun. Ix-xhud cahdet li kien hemm xi kommunikazzjoni dwar tfal b'dizibilita'. Meta kienet hdejha lil imputata ratha iccempel, izda hi ma' tafx lil min.

Illi xehdet l-imputata Jennifer Grech fejn qalet illi hi kienet ghaddejja fit-Triq Aldo Moro u rat lis-sinjura wieqfa bil-karetellun f'idejha, li kienet qieghda tirriklama l-abort u waqfet biex tnehhilha l-kartellun. Fuq facebook kien hemm kumment minn mara ohra dwar tarbija b'dizabilita'. Hi kellha huha b'dizabilita' li kien ilu erbghin sena jbati u kien qieghed jmut u fil-fatt miet xi xahrejn wara l-incident u b'hekk hassitha mweggha. Hi riedet twaqqafha milli tirriklama l-abort ghax kull tarbija ghandha dritt titwieled.Hi cahdet li mmbutat lis-sinjura, imma immbutat il-kartellun, u li hi ma' kellha xejn kontra s-sinjura imma riditha tnehhi l-kartellun. Wara marret fil-karozza u cemplet l-ghassa tal-Hamrun biex twaqqafha, ghax hi kienet rat lilha biss u ma' ratx aktar persuni jipprotestaw. L-imputatata cahdet li waqfet it-traffiku meta waqfet fil-genb. Kif waqfet il-karozza qalet lil *parte civile* biex tieqaf tirriklama l-abort u s-sinjura qaltilha le ghax kienet favur l-abort. L-imputata qalet illi hi fuq facebook kitbet *'le ghal abort'*, u kien hemm persuna li wegbitha li jekk ikollha tarbija b'dizabilita' kienet ser trabihiela hi? U l-imputata wegbitha *'jekk jkun hemm bzonn iva'*. Fil-kontro ezami hi ikkonfermat illi s-sinjura qatt ma' kelmitha qabel, u li xahar qabel hi kienet ikkonfrontatha verbalment f'Rahal Gdid meta kienet ma' huha li ghandu dizabilita'. Meta waqfet fi Triq Aldo Moro u harget mill-karozza, l-imputata qalet li hi ma' kinitx irrabjata imma mugughha. L-imputata ikkonfemat li lil *parte civile* ma' kelmithiex bil-kalma u li ppruvat tnehilha l-kartellun li kienet qieghda zzom b'idejha t-tnejn, ghax hi ma' kellha xejn kontra s-sinjura imma kontra t-tabella li kienet qieghda taghti wiccha u hi ippruvat ittajjar il-bord.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-*parte civile* f'din il-kawza kienet qieghda taghmel protesta kontra l-abort u kellha tabella f'idejha favur l-abort. L-imputata waqfet il-karozza u harget tkellem lil *parte civile* u ippruvat tnehhilha l-kartellun ghax hassitha mweggha bil-protesta, ghax hi kinenet kontra l-abort. Irrizulta li xi gimgha qabel l-imputata kienet gja kkonfrontat lil *parte civile* f'Rahal Gdid meta kienet qieghda ukoll tipprotesta favur l-abort. L-imputata

tghid illi hi ppruvat tnehhilha il-kartellun, u ma' kellha ebda intenzjoni li tmiss lil *parte civile*, ghax hi kienet sensittiva ghax kellha huha li kellu dizabilita' u kien qieghed jmut, fil-fatt miet wara xahrejn. L-imputata amettiet illi lil *parte civile* ma' kellmitiex bil-kalma u anke uzat il-forza sabiex tipprova tnehhi l-kartellun min idejn il-*parte civile.*

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputata gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi, mentri it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

## <u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, qed tillibera lil imputata mit-tielet (3) u r-raba (4) akkuza, u wara li rat l-Artikoli 7, 13 u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputata **hatja ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza** u qed tikkundannaha ghal hlas t'ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23).

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Isabelle Kohout ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil imputata **Jennifer Grech** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' timmolestax, ma' ddejjaqx u ma' tingurjax lil *parte civile* **Isabelle Kohout.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**